Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur James Mallia]

vs

Carmel Farrugia

Illum, 26 ta' Marzu, 2023

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Carmel Farrugia detentur tal-karta tal-identità numru 75751M akkuzat talli fl-24 ta' Marzu 2023 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel gewwa Zurrieq biswit il-Kamra tan-nar ta' Mount Carmel gewwa Zurrieq, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi jew dispozizzjonijiet relatati tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Hadd ma jista' jdahhal f'Malta porvli tal-isparar jew esplozivi ohra, inkella jiftah jew izomm fabbriki tal-polvri jew ta' xoghlijiet tan-nar, inkella fabbriki ohra fejn jinhadmu porvli jew esplozivi ohra, minghajr licenza mill-Kummissarju tal-Pulizija.

   *Artikoli 3(1) tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. Hadd ma jista' jahdem porvli tal-isparar jew jipprepara dak ix-xoghol hlief f'fabbrika tal-porvli li jkollha l-licenza taht din l-Ordinanza, u hadd ma jista' jahdem xoghlijiet tan-nar jew porvli esploziv, jew esplozivi ohra, hlief f'fabbrika tax-xogholijiet tan-nar, jew f'fabbrika ohra tax-xoghol ta' porvli tal-isparar jew esplosivi ohra, li jkollha l-licenza taht din l-Ordinanza.

   *Artikoli 3(2) tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. Hadd ma jista' jzomm ghal bejgh jew jahzen porvli tal-isparar jew esplozivi minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija. Din il-licenza tiswa biss ghall-persuna u ghall-post imsemmijin fil-licenza.

   *Artikoli 9(1), 10(1) tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Meta jsir reat kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, il-qorti ghandha, b'zieda ma' kull piena ohra, fis-sentenza taghha, jew f'xi zmien wara, fuq talba tal-prosekuzzjoni meta l-persuna li tinsab hatja ma tkunx is-sid assolut izda jkollha titolu iehor fuq il-proprjeta' immobbli, jew ikollha titolu, li ma jkunx titolu fuq il-proprjeta', li bis-sahha tieghu jkollha l-kontroll fuq, jew dritt ta' accessghal, dik il-proprjetà, il-qorti ghandha tordna li l-persuna li tinsab hatja thallas multa kif tistabbilixxi l-qorti wara li tqis il-valur tal-proprjetà immobbli u l-valur tat-titolu fuq il-proprjetà, jekk ikun hemm, li jkun gie konfiskat kif imsemmi qabel;

Rat id-dokumenti;

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Art. 3(1), 3(2), 9(1), 10(1) u 43A tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta.

Prezentata

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni tal-akkuzi kif dedotti kontrih u kif ukoll rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li nghata zmien ragonevoli sabiex jahsibha;

Stante ammissjoni bikrija u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni, il-Qorti qed issib lill-imputat Carmel Farrugia hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn (2).

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet lill-imputat, jekk din l-Ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**